L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | Il-5 ta' Ġunju 2021 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

## TAQSIMA A: IL-QARI U L-KITBA PRATTIKA

### A1. Il-qari

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Indirizz mill-E.T. il-President tar-Repubblika**

Għaldaqstant irrid nappella liż-żgħażagħ Maltin u nieħu l-opportunità biex inħeġġiġhom ħalli jkunu attivisti tal-inklużjoni, tal-ġustizzja u tal-paċi, fost ħbiebhom u fil-familji tagħhom, biex insaħħu l-komunitajiet tagħna, b'reżiljenza altruwista, għax ngħixu f'ambjent fejn inħobbu aktar lil xulxin u nħossuna tassew maħbubin. (par. 1)

Irrid nappella liż-żgħażagħ ukoll biex jagħmlu miż-żgħożija tagħhom, żmien f'ħajjithom meta l-esperjenzi, l-abbiltajiet u l-kwalitajiet tagħhom jużawhom biex joħolqu opportunitajiet ta' fejda b'risq is-soċjetà li qed jgħixu fiha; ħalli jibnu pajjiż li jkun tassew miftuħ għal aspirazzjonijiet pożittivi u ta' ġid sostenibbli. (par. 2)

Jien irrid inħeġġeġ liż-żgħażagħ Maltin biex jużaw dan iż-żmien ħalli jsaħħu fihom infushom il-ħeġġa li jaħsbu f'ħaddieħor, ħalli jgħinu fil-bini ta' komunitajiet reżiljenti, u li jkunu jistgħu jaffaċċjaw u jegħlbu l-isfidi li ġġib magħha l-ħajja, mingħajr diżgwid u ġlied fostna. (par. 3)

Jien nemmen li l-ġenerazzjoni żagħżugħa f'pajjiżna għandha tkun voċifera favur inizjattivi pożittivi u rispettużi biex niżviluppaw futur mimli ġid sostenibbli għal kull min qed jgħix f'pajjiżna. (par. 4)

Dan il-messaġġ għal ħajja altruwista, ta' rispett, ta' dinjità, ta' inklużjoni u ta' ugwaljanza, insibuh fil-qalba tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u s-sbatax-il mira għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-Aġenda 2030 hija sistema ta' valuri b'sensiela ta' oġġettivi biex id-dinja titħeġġeġ ħalli twettaq fil-prattika l-ġustizzja soċjali, tibni dinja ta' opportunitajiet ugwali, billi tinkludi lir-razza umana kollha u tħeġġiġna naħsbu f'xulxin, ħalli nassiguraw li l-iżvilupp tagħna jkun wieħed sostenibbli. (par. 5)

Fil-laqgħat tiegħi mat-tfal u maż-żgħażagħ fl-iskejjel, qed ikunu ta' spiss l-okkażjonijiet li fihom niddiskutu dawn il-bżonnijiet biex nilħqu l-miri għall-iżvilupp sostenibbli, għad-dinja biex tagħti spazju xieraq għal kulħadd. (par. 6)

Il-Mira Numru 10, partikolarment, tisħaq fuq l-importanza tal-ugwaljanza bejn in-nies kollha, mingħajr differenza ta' minn fejn ġejjin jew ta' liema kultura jħaddnu. (par. 7)

***Jekk jogħġbok, aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Aġenda 2030 tisħaq fuq razza umana waħda, li lkoll, aħna min aħna, jixirqilna niġu ttrattati b'rispett, b'dinjità u bi mħabba. (par. 8)

*(Adattament ta' silta mid-diskors li l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca, il-President tar-Repubblika, għamlet fl-okkażjoni tal-Premju Papa Ġwanni XXIII għat-Tjubija, organizzat mil-Laboratorju tal-Paċi, fil-15 ta' Ġunju 2018.)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Ikteb l-ittra tal-istqarrija t-tajba: (2)
   a. Il-President qiegħda tfakkar liż-żgħażagħ li l-Aġenda 2030 saret apposta biex huma jieħdu t-tmexxija tal-pajjiż f'idejhom ħalli b'hekk ir-razza umana tibda tgħix ħajja aħjar.
   b. L-imħabba żagħżugħa, qiegħda tgħid il-President, għandha għaxar miri u hija l-unika triq lejn futur aħjar.
   ċ. Il-mira ewlenija ta' Agenda 2030 hija li d-dinja titmexxa fi spirtu ta' fraternità u mħabba li jwassal għall-ugwaljanza.
   d. Il-President qiegħda tirrimarka li ħadd għajr iż-żgħażagħ ma jistgħu jilħqu l-għaxar mira ta' Agenda 2030 u allura jridu jibdew imexxu bilfors huma.

2. Qassar it-test li għadek kemm qrajt f'paragrafu wieħed ta' **bejn 80 u 90 kelma**. Ikteb fi kliemek u uża t-tielet persuna fil-perfett. (5)

3. Għala taħseb li l-President tar-Repubblika għamlet dan l-appell liż-żgħażagħ u mhux direttament lill-mexxejja tal-pajjiż? (3)

**A2. Il-kitba prattika**

Immaġina li inti membru tal-grupp *Żgħażagħ30* li għadu kemm twaqqaf b'ispirazzjoni minn dak li qalet il-President tar-Repubblika. Ikteb artiklu qasir ta' **bejn 100 u 150 kelma** li fih tagħti tagħrif lis-sit tal-internet www.madwarna.mt dwar il-proġett li l-grupp tiegħek se jniedi biex jintlaħqu l-miri ta' Agenda 2030. (10)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IL-LINGWISTIKA**

**Wieġeb IŻ-ŻEWĠ mistoqsijiet.**

1. Il-varjetajiet tal-lingwa jiżviluppaw għal numru ta' raġunijiet. Waħda minnhom hi l-ġeografija. Nies li jgħixu fi nħawi differenti x'aktarx ikollhom id-djalett tagħhom. F'paragrafu ta' **bejn 80 u 100 kelma** kkummenta dwar id-distinzjoni bejn il-lingwa standard u d-djalett. (6)

2. B'riżultat tal-kuntatt kontinwu ma' ilsna Rumanzi u mal-Ingliż, il-Malti żviluppa morfoloġija mħallta tassew. F'kitba ta' **bejn 300 u 350 kelma** ddiskuti din l-istqarrija billi turi kif verbi u nomi ta' nisel Rumanz u Ingliż intgħaġnu mal-għeruq u l-forom li writna mill-Għarbi, u kif verbi u nomi mill-Għarbi jaħdmu b'morfoloġija Rumanza. Saħħaħ it-tweġiba tiegħek b'eżempji rilevanti. (15)

**(Total: 21 marka)**

## TAQSIMA Ċ: IL-POEŻIJA

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Fil-kumment ta' Immanuel Mifsud dwar *Xi Drabi Mqar Persuna* ta' Simone Galea nsibu osservazzjoni dwar il-poeżiji ta' Galea li jpinġu lill-mara mill-perspettiva ta' mara. Galea "tiddjaloga mal-poeti ta' qabilha, mal-poeti rġiel" u "tpoġġi bilqiegħda faċċata, mhux fil-ġenb, tal-poeta raġel, u bla ma tmeri jew topponi, toffri r-realtà tagħha minflok dik 'uffiċjali' ta' leħen ir-raġel". Iddiskuti b'referenza għal xi poeżiji li studjajt.

**JEW**

2. Fil-ġabra ta' poeżiji *Xi Drabi Mqar Persuna* ta' Simone Galea tispikka t-tema tal-imħabba li kapaċi tieħu forom differenti, bħal meta l-poetessa tuża l-kitba tagħha biex tirrakkonta l-istejjer ta' nisa oħra. Iddiskuti kif tidher l-imħabba minn dan l-aspett soċjali fix-xogħlijiet li studjajt.

**(Total: 22 marka)**

## TAQSIMA D: Il-PROŻA

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Iddiskuti l-vjaġġ li jgħaddi minnu l-karattru ta' Feliċ, mill-bidu tar-rumanz sal-aħħar f'*Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici.

**JEW**

2. Dwar *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici, Ġużè Chetcuti jikkummenta li hu maħdum "fuq bażi realistika, mibni fuq sfond ta' ħajja naturali, prodott ta' osservazzjoni profonda ta' karattri u ta' ambjent". Iddiskuti l-aspett realistiku fil-plott tar-rumanz.

**(Total: 22 marka)**